SANTA MARIJA TA' AWISSU

Mill-Kav. RAFEL BONNICI CALI'

DAN KIEN L-ISEM tal-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem, skond ma nsibuha mniżżla fil-kotba antiki tagħna l-Maltin, imma llum biżżejjed wieħed igħid "Santa Marija" biex kulħadd jifhem li dawn il-kelmiet ifissru l-Assunzjoni tal-Madonna.

KWADRU ANTIK tal-Verġni Marija mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem: titular tal-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex. Il-kwadru kien tpitter minn Dun Franġisk Dedomenicis għall-ħabta tas-sena 1725, u restawrat ftit tas-snin ilu mill-Kav. Rafel Bonnici Cali'. Fl-1980 din ix-Xbiha ta' l-Assunta ġiet inkurunata mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Il-kuruna li biha ġiet inkurunata kienet ġiet iddisinjata mill-Kanonku (illum Monsinjur) Mikiel Ang. Apap.

Il-Knisja Griega ma ssejjaħx din il-festa bl-isem ta' l-Assunzjoni imma ssejħilha "id-Dormizzjoni ta' Marija", li tfisser ir-raqda li Marija għamlet fil-qabar għal tlett ijiem qabel l-anġli bil-qawwa ta' Alla ġarrew il-fdal tagħha fis-sema. Għalina l-Maltin din hija l-festa Marjana l-aktar magħrufa għax l-isem ta' l-Assunzjoni qiegħed iżejjen l-ikbar għadd ta' knejjes f'Malta u f'Għawdex, fosthom tmien parroċċi f'Malta u tnejn f'Għawdex. Imma bosta huma l-knejjes żgħar li jġibu l-istess isem sabiħ ta' Santa Marija fi bnadi oħra, waqt li x'uħud minnhom għandhom ukoll laqam bħal "Santa Marija Taż-Żellieqa" f'Ħal Għargħur, "Ta' Casha" fir-Rabat, "Ta' Pinu" f'Għawdex, eċċ.

IS-SEBA' SANTAMARIJIET

Biex ma ntawlux, jixraq li nsemmu għallanqas il-parroċċi tal-Gudja, Ħal Għaxaq, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħ'Attard, il-Mosta, Ħad-Dingli u l-Imġarr f'Malta, iż-Żebbuġ u l-Katidral ta' Għawdex. Nafu wkoll li f'Malta għandna d-devozzjoni kbira tas-seba' Santamarijiet, jiġifieri żjarat tal-poplu lil seba' knejjes parrokkjali milli semmejna li jsiru f'lejlet u nhar il-festa fil-15 ta' Awissu. Dawn iż-żjarat kienu jsiru bil-mixi li jieħu ħin twil u tbatija għax mhix ħaġa ħafifa li wieħed jimxi minn Ħad-Dingli għal Ħal Għaxaq u jerġa' lura f'daru bil-mixi fis-sħana ta' Awissu, meta l-bniedem kien ukoll imgħobbi bis-sawm u l-astinenza li konna nsejħulu "l-obbligu tal-vġili" li kellhom marbut magħhom il-festi kbar ta' Kristu u tal-Madonna.

Biex ibattu x-xemx tiżreġ il-pellegrini kienu aktarx jitilqu għall-mixja ma' nżul ix-xemx ta' lejlet il-festa u jqattgħu l-lejl iterrqu fit-triqat aktarx imħarbta li kellna dari. Il-pellegrini ta' kull raħal aktarx kienu jingħaqdu flimkien, l-irġiel quddiem u n-nisa u wliedhom jimxu warajhom. Kienu jieqfu biss biex igħidu Salve Regina, wkoll meta l-Knisja tkun magħluqa, u biex jixorbu mill-ġiebja tal-Knisja.

FOLKLOR

Sa fejn naf jiena, dawn iż-żjarat ta' nhar Santa Marija ma kenux isiru f'Għawdex, u għalkemm staqsejt bosta Għawdxin, ħadd ma għaraf iweġibni għaliex. Imma f'Għawdex sibt drawwa wisq ħelwa marbuta mal-Parroċċa ta' l-Assunta taż-Żebbuġ fejn ix-xebbiet kienu u għadhom jagħmlu ħobż ażżmu f'għamla ta' ittra emme (M) imsejjaħ "Għażżiela", għaliex dawn ix-xebbiet kienu aktarx jagħżlu l-qoton miżżerriegħa jew jagħmlu xogħol ieħor ta' l-insiġ. Dan il-ħobż, jew aħjar galletti, kienu jiġu mberkin nhar il-festa ta' l-Isem ta' Marija u l-kappillan kien iqassamhom lill-parruċċani biex iħarsuhom mid-diżgrazzji, mard u deni ieħor. Forsi din id-drawwa ġiet mid-drawwa tal-ħobż ta' San Nikola jew ta' Sant'Antnin li għadna naraw fil-knejjes ta' l-Agostinjani u tal-Franġiskani.

HADD IN-NIES

Devozzjoni oħra li għandna f'Ħaż-Żabbar hija ż-żjarat li jagħmlu dawk in-nies li jitbellhu xi ftit fil-jiem tal-Karnival biex ipattu għal xi nuqqasijiet. Dawn daħħlu drawwa li fil-Ħadd ta' wara l-Karnival imorru jżuru s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fejn, wara ż-żjarat tal-knisja, imorru jieklu u jixorbu minn fuq l-imwejjed mifruxin qrib il-knisja mill-bejjiegħa li soltu naraw ukoll fil-Buskett nhar l-Imnarja. F'dan il-jum jinġabru mhux biss dawk li ħadu sehem fil-Karnival imma jiġu nies minn kullimkien, u għalhekk baqa' msemmi "Ħadd in-Nies". Wara l-aħħar Gwerra d-drawwa ta' l-ikel u x-xorb fil-Misraħ tas-Santwarju nqatgħet u ż-żjarat tal-Madonna ħadu sura ta' pellegrinaġġ devot organizzat mill-istess kappillan tas-Santwarju.

Il-kappillan Dun Ġużepp Zarb kien daħħal ukoll id-drawwa ta' karrijiet trijonfali fil-pellegrinaġġ li kienu juru episodji ta' l-istorja tas-Santwarju billi jlibbes żgħażagħ Żabbarin bil-kostumi ta' kavallieri u nies oħra li qalgħu grazzji għat-talb tal-Madonna, waqt li karru ieħor kien juri s-sagrileġġi tal-Franċiżi li kasbru x-xbieha tal-Madonna u sparaw għal fuq il-knisja fl-1798.



Disinn tal-ħbejża jew galletta, imsejħa "għażżiela", li tinħadem mix-xebbiet taż-Żebbuġ f'Għawdex; issir bil-forma tal-metall u tiġi mbierka u mqassma lill-poplu għad-devozzjoni u l-ħarsien mid-deni u diżgrazzji oħra.

Il-qies veru tagħha huwa ta' 3 pulzieri u nofs, imma billi l-għaġina tkun ratba, tista' tvarja wkoll fil-forma u l-qies.

IL-BANDIERA BAJDA U KAHLA

Fil-festa ta' Santa Marija konna naraw għadd kbir ta' bandieri fuq il-knejjes kbar u żgħar. Dawn kienu jżejnu l-ambjent ta' festa ferreħija b'ilwien sbieħ tagħhom. Tista' tgħid fuq kull knisja konna naraw tlett bandieri: bajda u ħamra (ta' Malta), bajda u safra (tal-Papa) u bajda u kaħla (tal-Madonna). Kif intgħażlu dawn il-kuluri abjad u ikħal għall-bandiera tal-Madonna ma nafx, naf biss li l-pitturi antiki aktarx dejjem daħħlu l-lewn ikħal fl-ilbies tal-Madonna għax l-ikħal huwa lewn is-sema. Fost il-pitturi kbar jissemma ħafna l-Ispanjol Murillo li fost xogħlijiet oħra l-iktar sbieħ pinġa l-Assunta bil-libsa bajda u l-mant ikħal. Naf ukoll li l-Madonna ħadet gost b'din il-pittura u hekk dehret lil Bernardetta f'Lourdes, "b'libsa bajda u faxxa kaħla."

Il-bandiera bajda u kaħla tidher tittajjar mhux biss fl-irħula u fl-ibliet nhar Santa Marija imma wkoll fil-festi l-oħra tal-Madonna, bħal fil-festi tal-Vittorja fil-Mellieħa, l-Isla u x-Xagħra ta' Għawdex, kif ukoll f'Bormla, Ħal Tarxien, Ħal Balzan u kulfejn hemm knisja tal-Madonna.

Fl-aħħarnett għandna d-devozzjoni ta' l-isem ta' Marija jew Assunta fuq in-nisa tagħna li huma l-ismijiet fil-maġġoranza fost il-poplu tagħna.